MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2005

Numru. 174/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Maurice Curmi**
**Vs**

**JOSEPH LAURENCE ROSARIO PORTELLI bin Frank Carmel u Mary Carmen nee' Said, imwieled fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Mejju, 1977 u residenti It-Torri, Triq il-Buskett, Nadur, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 497193(M)**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputat **JOSEPH LAURENCE ROSARIO PORTELLI** bin Frank Carmel u Mary Carmen nee' Said, imwieled fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Mejju, 1977 u

residenti, It-Torri, Triq il-Buskett, Nadur, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 497193(M) gie mressaq quddiemha u akkuzat talli fit-tlettax (13) ta' Marzu, 2005, fil-Ground tal-Football, Sannat, Ghawdex, ghall-habta tal-ghaxra ta' filghodu, ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioe' il-linesman Paul Apap tal-loghba bejn Victoria Wonderers Vs Nadur Youngsters (Under 21) waqt li kien jaghmel jew minhabba bli kien ghamel dan is-servizz, bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi, fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Rat l-atti kollha tal-kawza w d-dokumenti hemm esibiti.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fis-seduta tas-sebgha w ghoxrin ta' Ottubru 2005.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssbu hati tal-ewwel akkuza kif dedotti kontra tieghu.

Ghalhekk **il-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li ssib lil imputat JOSEPH PORTELLI hati tal-akkuza kif dedotta kontra tieghu fuq ammissjoni tieghu stess u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' hmistax (15) il-lira maltin.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------